**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/18**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 02 ta' April 2018 |
| **Ħin:** | 6:30pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera (mis-7.00pm)
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**

Amanda Abela - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **04.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **04.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **04.05** | **Tibdil fl-adġudikazzjoni tat-*tenders*** |
| **04.06** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **04.07** | **Affarijiet oħra; u** |
| **04.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela A ma setgħetx tattendi għal laqgħa minħabba mard (imejl annessa) | |
| 04. 2. 2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa peress li kien indispost (imejl annessa) | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 02/18 u 03/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 04. 2. 2 | 03.04.07 | Chircop | Sabiex jiżdied li Chircop kien preżenti għal istess laqgħa imsemmija. | |
| 04. 2. 3 | 03.02.02 | Agius | Tiġi taqra il-Kunsilliera attwali. | |
| 04. 2. 4 | 03.04.06 | Agius | Sabiex tinqara li saret attivita' fejn saru s-7 visti. | |
| 04. 2. 5 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 2 6 | 02.02.05 | Agius: Pittura tas-Sur Attard | Agius qalet li l-pittura għadha qed tinħadem u staqsiet fiex wasal il-proċess sabiex tissemma it-triq għas-Sur Attard. | Agius |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 2 | 7 | 02.02.08 | Sindku: Triq Ħal Tarxien / Triq Alfredo Cachia Zammit | Is-Sindku qalet li Triq Alfredo Cachia Zammit baqalha l-aħħar saff ta' tarmak. Triq Bormla sa tlett xhur oħra tkun bdiet ukoll. Fuq Triq Ħal Tarxien ma setgħux ituna risposta meta ser tibda. | Sindku |
| 04 | 2 | 8 | 02.02.09 | Agius: Xogħol f'Qasam Ħal Tmin | Agius qalet li fuq il-parti ta' barra għadna ma irċivejniex risposta. | Agius |
| 04 | 2 | 9 | 02.02.11 | Viċi-Sindku: Proġett *EUPA (Erasmus +) Youth Exchange* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-proġett kien suċċess u ipparteċipaw l-erbgħa pajjiżi, Polonja, Bulgarija, Latvija u Malta. Għoġobhom ħafna l-programm li ġie imfassal. Iltaqgħu ukoll mal-Ministru Owen Bonnici fejn żaru t-Teatru Manoel u kellhom ġimgħa mimlija attivitajiet. | Viċi-Sindku / Chircop |
| 04 | 2 | 10 | 02.02.13 | Chircop: Pitturi fir-*reception* tal-Kunsill | Chircop qal li issa jmiss li jiġu esebiti 3 pitturi tal-artist Joe Baldacchino. | Chircop |
| 04 | 2 | 11 | 02.02.14 | Chircop: *Billboard* tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop informa l-Kunsill li dan ġie imwaħħal u ntlaqa' tajjeb ħafna. Caruana ġie inkarigat sabiex ineħħi dan il-*billboard* . | Chircop / Caruana |
| 04 | 2 | 12 | 02.06.05 | Chircop: Serata mas-Sur Trevor Zahra | Chircop qal li s-serata kienet tajba ħafna u attendew ħafna nies. | Chircop |
| 04 | 2 | 13 | 02.06.06 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop informa lill-Kunsill li l-kompetizzjoni ma saritx minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni. | Chircop |
| 04 | 2 | 14 | 02.06.07 | Camilleri D: Attivita' Nazzareno Award | Ser issir l-attivita' tan-Nazzareno Award fid-9 ta' April fil-Palazz tal-President fl-10:00am. | Camilleri D |
| 04 | 2 | 15 | 03.02.01 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li Ġieh iż-Żejtun kien suċċess u ġew ippreżentati Ġieh iż-Żejtun lil-Dun Ang Seychell kif ukoll ir-rikonoxximenti. Ġew ippubblikati żewġ kotba bil-kitbiet. | Chircop |
| 04 | 2 | 16 | 03.04.01 | Chircop: L-aħħar ċena | Chircop qal li din l-attivita' saret b'suċċess. | Chircop |
| 04 | 2 | 17 | 03.04.02 | Camilleri D: Tberik u tqassim tal-Figolli | Camilleri D qalet li l-figolli tqassmu u ħadu gost ħafna. | Camilleri D |
| 04 | 2 | 18 | 03.04.03 | Chircop: Fuljett tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa | Qal li dawn tqassmu u kien hemm verzjoni bil-Malti u ieħor bl-Ingliż. | Chircop |
| 04 | 2 | 19 | 03.04.05 | Agius: Ħarġiet għal *Kids Club* | Agius qalet li li dawn saru u iddawru mal-għaqdiet u ġew imqassma l-figolli. | Agius |
| 04 | 2 | 20 | 03.04.09 | Viċi-Sindku: Attivita' Sportiva | Infurmat lill-Kunsill li l-attivita' saret u kienet suċċess u tqassmet l-*Heritage Route* . | Viċi-Sindku |
| 04 | 2 | 21 | 03.04.11 | Sindku: Skola Sekondarja Żejtun | Is-Sindku qalet li l-ġenituri kellhom żjara l-Iskola tal-Ħandaq u jidher li qed tintgħoġob. Qalet ukoll li bagħtet imejl lill-Ministru Evarist Bartolo dwar din is-sitwazzjoni. | Sindku |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/18. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li applikajna l-Awtorita' tal-Ippjanar biex jiġu irranġati l-ħitan u kif jitlestew jibda x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa. Fuq dan sar qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 2 | | Sindku: *Street Lighting* | Is-Sindku qalet li r-Reġjuni ser joħorġu t-*tenders* u ser niċċekkjaw il-kwotazzjonijiet kif inhuma biex naraw jekk jaqblilniex li nibqgħu kif aħna jew nissieħbu mar-Reġjun. | Sindku |
| 04 | 3 | 3 | 02 | Sindku: Frans Camilleri / Ħaddiema sekondati mal-Kunsill | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellna nitterminaw il-kuntratt tas-Sur Camilleri peress li ma setax jiġi imġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rigward l-iskema tal-ħaddiema fuq skemi mal-Kunsillu mhux ser jassumi r-responsabilta' sakemm l-iskema tibda titħaddem kif suppost. Is-Sindku żiedet li kien hemm diżgwid mas-Sur Bonavia peress li l-ħaddiema mhux qed jagħtu t-tmin siegħat ta' xogħol assenjat lilhom. | Sindku |
| 04 | 3 | 4 | | Sindku: Ħsara fil-vettura tas-Sa. Catherine Tabone | Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-ħsara li ġarbet, m'għandiex titħallas mill-Kunsill. | Sindku |
| 04 | 3 | 5 | 22 | Viċi-Sindku: Kunsill Lokali Żabbar | Kien hemm qbil unanimu li Triq Bormla għandha tiġi mibdula għal Triq l-Aħħar Ħbit. | Kunsill Lokali Żabbar |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**04. 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 5 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 5 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 5 | 4 | | Petty Cash - Frar 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €102.71 | Segretarju Eżekuttiv |

**04 6 Affarijiet oħra; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 6 | 1 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li ltaqet mal-Profs Buhagiar u talbet li jtina parir x'jista' jsir fi Vjal il-25 ta' Novembru u fi Ġnien il-Kmandant. | Sindku |
| 04 | 6 | 2 | | Agius: *Commonwealth Visit* | Agius qalet li ser iżuru ż-Żejtun delegazzjoni fis-6 ta' April għal ħabta tas-1:00pm. | Agius |
| 04 | 6 | 3 | | Agius: Tqassim ta' ikel | Agius infurmat lill-Kunsill li ser isir tqassim tal-ikel miċ-Ċentru tal-Arti u Artiġjanat. | Agius |
| 04 | 6 | 4 | | Agius: Weekend Break / Mother's Day | Agius qalet li ser isir Weekend Break bejn it-18 u l-20 ta' Mejju. | Agius |
| 04 | 6 | 5 | | Agius: Altofest | Agius informat lill-Kunsill li l-Altofest ser isir fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju għal ħmistax. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 6 | 6 | Viċi-Sindku: *Cook out* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-cook out ser issir f'April. | Viċi-Sindku |
| 04 | 6 | 7 | Camilleri C: Korsijiet tas-Sajf | Camilleri C informa lill-Kunsill li ser isiru żewġ korsijiet tar-Robotika u *Coding* matul is-Sajf għal tfal sa 14 -il sena. Qal ukoll li l-ħlas għaż-żewġ korsijiet huwa ta' €2000. Kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom isiru. | Camilleri C |
| 04 | 6 | 8 | Sindku: Karozza elettrika | Is-Sindku informat lill-Kunsill li nħarġet skema sabiex tingħata karozza eletrikka għal użu tal-Kunsill. Bħala Kunsill applikajna sabiex nkunu nistgħu nibbenefikaw minnha. | Sindku |
| 04 | 6 | 9 | Chircop: Ħinijiet tal-Librerija Pubblika | Chircop issuġġerixxa li l-ħinijiet tal-Librerija s-Sibt għandu jitwal sa nofsinhar. | Chircop |
| 04 | 6 | 10 | Chircop: Żejtun taħt in-Nar | Chircop qal li l-attivita' ser issir fit-13 ta' Mejju fuq l-istess skala tas-sena l-oħra. | Chircop |
| 04 | 6 | 11 | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop informa lill-Kunsill li dan ser isir bejn il-21 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju. | Chircop |
| 04 | 6 | 12 | Chircop: *Melite Post* | Chircop qal li dan il-fuljett ingħata format ġdid. | Chircop |
| 04 | 6 | 13 | Chircop: Aċċess għal Librerija tal-Universita' | Chircop informa lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-Universita' ta' Malta fejn ser ituna spazju fuq il-librerija diġitali tagħhom sabiex dak kollu li jiġi ippublikat ikun jista' jiġi aċċessat. | Chircop |
| 04 | 6 | 14 | Camilleri D: *Sports Day* | Camilleri D infurmat lill-Kunsill li fl-1 ta' Mejju ser issir *Sports Day* għal persuni b'diżabilita' u dan qed jieħu ħsiebha Kurt Schembri fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Camilleri D |
| **04** | **7** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fl-10:20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv